IL-BIRGU
Citta' Vittoriosa

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birgu

# It-Tmien Legislatura

# Laqgħa Numru 07

Il-Kunsilli Lokali Birgu ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Berga ta` Franza, Triq Hilda Tabone Birgu fil-hamsa u kwart ta' filghaxija.

**PREŻENTI:**

Is-Sur John Boxall – Sindku
Is-Sur Anton Gellel - Kunsillier
Is-Sur Trevor Mizzi – Kunsillier
Is-Sur Laurence Manicaro – Accountant tal-Kunsill

**SKUŻATI B`APOLOGIJA:**

Is-Sur Christopher Cassar – Vici-Sindku
Is-Sur Jason Portelli – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sinjura Lara Mascena – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku s-Sur John Boxall qal it-talba u ppresedja l-laqgħa.

### 07.1 Qari ta` Ittri ta` Apologija

Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li s-Sur Christopher Cassar u s-Sur Jason Portelli talbu li jigu skuzati minhabba ragunijiet ta` xoghol. Dawn it-talbiet gew milqugha minn dawk prezenti.

### 07.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

Ma gewx prezentati minuti f`din il-laqgha.

### 07.3 Korrispondenza

07.3.1 Giet prezentata l-lista tal-Petty Cash ghax-xahar ta` Awwissu, fejn giet approvata unanimament.

07.3.2 Gie pprezentat l-overtime tal-haddiema klerikali tal-Kunisll ghax-xahar ta` Awwissu, fejn gie approvat unanimament.

07.3.3 Gie pprezentant l-overtime tal-haddiema tal-CWES ghax-xahar ta` Awwissu, fejn gie approvat unanimament.

### 07.4 Birgufest 2019

Is-Sindku tah rendikont ta` xoghlijiet li diga` gew preparati ghall-attivita tal-Birgufest 2019, fejn gew diskussi l-artisti muzikali (bands) u l-korijiet li ser jiehdu sehem matul il-jumejn tal-attivita. Barra minhekk giet diskussi ukoll fejn ser issiru l-esebizzjonijiet ta` artisti lokali li avvicinaw il-Kunsill, fejn fil-Berga ta` Franza kienu ser isiru zewg esebizzjonijiet wahda ta` minjaturi ta` opri tal-bahar Maltin u ohra tal-fotografija. Fil-Berga tal-Ingliterra ser titella` play zghira mill-NGO Ten08 . Waqt din id-diskussjoni s-Sindku nforma lil dawk prezenti li biex tigi l-ingwardja matul in-nofs ta` nhar tal-Gimgha filghodu, kienet ser tigi tiswa l-Kunsill is-somma ta` 1400Euro, fejn is-Sindku spjega li din is-somma hija wisq.

Is-Sindku talab lis-Segretarju Ezekuttiv biex taghmel appuntament mas-sid li jaghmel it-tours ta` train, sabiex joffri servizz tieghu matul l-attivita tal-Gimgha filghodu.

Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li l-kumpanija Frank Salt kienet ser tinfinanzja t-shirts li ser jitqassmu lill-voluntiera tal-Birgufest 2019.

**07.5 Rapport Finanzjarju ta` Kull Kwart (Jannar sa` Gunju 2019)**

Is-Sur Laurence Manicaro, l-accountant tal-Kunsill tah spjegazzjoni dettaljata tar-rapport finanzjarju li jkopri minn Jannar sa` Gunju 2019, fejn ghal darb`ohra l-Kunsill rega` ghamel surplus ta` elf sitt mija u tmenin ewro (€1,860) u b`hekk dan ifisser li l-FSI (Financial Situation Indicator) baqa` fil-pozittiv. Is-Sindku propona sabiex ir-rapport jigi approvat u kien qbil unanimu minn dawk prezenti.

**07.6 Xiri ta` van elettriku ghas-servizz tal-anzjani tal-lokalita**

Is-Sindku, is-Sur John Boxall nforma lill-kunsilliera prezenti u tah taghrif aktar idettaljat dwar talbiet li hu ghamel ghan-nom tal-Kunsill Lokali tal-Birgu sabiex il-Kunsill ikollu ghad-dispozizzjoni tieghu van tal-elettriku ghall-uzu ghall-anzjani tal-lokalita. Is-Sindku kompla billi qal li wara li Grand Harbour Marina flimkien mall-Fondazzjoni Wirt Artna kkontribwixxew is- somma ta` €25,000 issa l-Fondazzjoni Alfred Mizzi (The Alfred Mizzi Foundation) tat ukoll donazzjoni ta` €10,000 ghall-istess ghan u fejn anke s-Sur Maurice Mizzi, Direttur tal-kumpanija Nissan Motor Sales Ltd tah donazzjoni ta` €2,000. B`hekk ghas-somma globali biex tinxtara l-vettura, baqa` dik ta` €3,000.

Is-Sindku kompla billi qal li huwa ser jaghmel dak kollu possibli biex somma li fadal dik ta` €3,000 tidhol b`donazzjoni u biex b`hekk dan il-van ghall-anzjani ikun nxtara minghajr mall-Kunsill ikun hareg ebda flus mill-allokazzjoni tieghu ghalih. Il-membri tal-Kunsill appruvaw unanimament li jinxtara dan il-van.

Is-Sur Boxall nforma lil dawk prezenti li nhar id-9 ta` Ottubru ser ssir laqgha mad-Direttur tal-Gvern Lokali sabiex tigi diskussa din il-materja biex il-Kunsill ikun jista` jmur ghall-direct order u jinxtara dan il-van tal-elettriku. Is-Sindku

stieden lil dawk prezenti sabiex min jixtieq jattendu ghal din il-laqgha jinforma lis-Segretarju Ezekuttiv.

18:40hr Is-Sindku talab sabiex tittiehed pawsa ta` ghaxar minuti.

18:50hr Tkompliet il-laqgha.

**07.7 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

07.7.1 Is-Sindku ghamel referenza ghall-attivitajiet relatati ma` Jum il-Birgu, fejn nforma lil dawk pprezenti li l-Kunsill ircieva diversi ghajnuniet finanzjarji sabiex seghtu jittellaw l-attivitajiet kollha li saru.

07.7.2 Is-Sindku propona li ghall-konferenza tal-progett relatat mall-Gimgha Mqaddsa, jattendi biss is-Sur Gorg Agius u dan ghal fatt li l-ispiza kienet ser tkun ferm gholja biex jattendu tlieta minn nies. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk prezenti.

07.7.3 Is-Sindku propona sabiex ghall-konferenza tal-progett WIVAS li ser ssir f`Novo Mesto fi Slovenia, jattendu s-Sur Trevor Mizzi, kunsillier flimkien mas-Sur Neville Attard, zaghzugh mill-Birgu u dan ghal fatt li l-kunsillier is-Sur Jason Portelli ma jistax jattendi. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk prezenti.

07.7.4 Is-Sindku propona li ghal konferenza tal-AVEC, jattendi huwa biss u dan sabiex jittafew xi spejjez relatati. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk prezenti.

07.7.5 Is-Sur Trevor Mizzi talab sabiex minn naha tal-Kunsill issir rapport lill-Awtorita ta` Djar minhabba l-istat ta` abandun li tinsab blokka bini fi Triq l-Antika, liema bini qed ikun ta` periklu.

07.7.6 Is-Sur Boxall propona sabiex hdejn l-pittura ta` La Vallette li giet inawgurata ftit tal-granet ilu, issir plakka bl-informazzjoni relatata. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

07.7.7 Is-Sindku propona li ghall-prezentazzjoni tar-recyle bins li ntraw mill-premju li rebah il-Kunsill dwar l-iskart, jigu mistiedna il-Ministri u s-Segretarji Parlamentari kkoncernati flimkien ma` rapprezentanti mill-Wasteserv Malta. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk prezenti.

**07.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta` pagamenti**

Is-Sindku, s-Sur John Boxall ressaq ghall-approvazzjoni l-Iskeda tal-Pagamenti li tkopri c-cekkijiet bin-numri, BOV 4946 sa` BOV 5036 fejn cekkijiet numru 4965, 4973 u 4987 gew ikkancellati kif ukoll c-cekk bin-numru HSBC9796. Il-Kunsill approva b'mod unanimu l-Iskeda ta' Pagamenti ddatata 24 ta` Lulju sad-19 ta` Settmebru 2019.

**07.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fis-sebgha u ghaxra filghaxija (7.10pm). Il-Laqgha giet aggornata ghal nhar it-Tlieta 24 ta` Settembru 2019 fil-hamsa ta` filghaxija.

Konfermati illum 5 ta` Novembru 2019

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| John Boxall<br>Sindku | Lara Mascena<br>Segretarju Eżekuttiv |